# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April 2001

Citazzjoni numru 1778/99 AJM

Kawza numru 48

Office Technology Limited

Vs

J. M. Supplies Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-3 ta' Awissu 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi hija tbiegh u tissuplixxi merkanzija lill-klienti taghha barra minn Malta fuq ordnijiet maghmula lilha mill-klienti taghha; illi s-socjeta' attrici ordnat u xtrat minghand is-socjeta' konvenuta diversi konsenji ta' karta specjali tal-computer" (computer paper) sabiex tkun tista' tbieghhom lil-socjeta' klienta taghha barra minn Malta jisimha Brega Petroleum Marketing li kienet ghamlet ordni mas-socjeta' attrici ghal dawn il-karti permezz ta' agenta (buying house) taghha Mediterranean Oil Services GmbH tal-Germanja; illi wara li s-socjeta' attrici kienet kkonsenjat dawn il-karti lil Brega ghall-uzu

taghha, is-socjeta' attrici irceviet diversi lmenti minghand Medoil ghan-nom ta' Brega dwar il-kwalita' hazina tal-karti li kienu gew supliti lilha minghand is-socjeta' attrici; illi inter alia l-ilmenti kienu dwar il-fatt li dawn il-karti ma kienux qed jistampaw it-tipa fuq il-faccata taghhom kollha kif suppost kellhom jaghmlu stante li kienu tal-kwalita' "three ply" u "four ply" izda kienu jistampaw tajjeb u soddisfacjenti fuq l-ewwel zewg faccati biss; illi minhabba dan il-fatt, Brega rrifjutat li taccetta dawn il-karti tal-kompjuter u mheddha bit-telf ta' negozju taghha s-socjeta' attrici kellha tohrog "credit note" lil Brega ghall-ammont ta' hamest elef disgha mija u wiehed u erbghin liri sterlini u hamsa u disghin pence (£Stg5941.95) ekwivalenti ghal cirka tlett elef tmien mija u tmin liri maltin u erbgha u disghin centezimu (LM3808.94); illi minhabba l-fatt li Brega rrifjutat milli tircevi dan it-tip ta' karti minghand is-socjeta' attrici ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, is-socjeta' attrici ghad fadlilha konsenja karti li huma ta' l-istess kwalita' bhal dawk rifjutati minn Brega, liema karti ghadhom depozitati fl-imhazen tal-istesssocjeta' attrici fil-Port Hieles ta' Malta u dana peress li s-socjeta' attrici ma rnexxilehiex tbieghhomla, liema karti kienu inxtraw minghand is-socjeta konvenuta ghas-somma ta' elfejn mitejn u erbgha u sittin liri maltin (LM2264.00); illi minhabba l-fatt illi l-karti de quo ma kienux tal-kwalita' pattwita u ma kienux skond l- ispecifikazzjonijiet rikjesti mill-istess karti, is-socjeta' attrici sofriet danni ingenti, apparti spejjes zejda, nuqqas ta' profitti u danni ghar-reputazzjoni kummercjali taghha fil-konfront ta' Medoil u ta' Brega; illi minkejja diversi laqghat li kien hemm bejn il-partijiet sabiex tissolva din il-vertenza, is-socjeta' konvenuta rrezistit il-fatt li dawn il-karti ma kienux skond il-kwalita' rikjesta u skond li specifikazzjonijiet rikjesti ghall-istampar fuq erbgha faccati kif suppost kellhom ikunu, minkejja li wara testijiet li saru mis-socjeta' konvenuta stess fuq kampjuni minn dawn il-karti, rrizulta li t-tipa kienet qed tigi stampata

b'diffikulta' u b'mod ta' uzu illi sabiex it-tipa tigi tidher fuq it-tielet faccata, il-karti fuq l-ewwel faccata kien ikollhom pressjoni qawwija fuq il-karta li kwazi l-karta tigi perforata – haga li ma hix possibbli ghall-uzu prolungat u kontinwu, kif rikjest mill-uzu ta' l-istess apparat tal-kompjuter; illi minhabba dawn ir-ragunijiet is-socjeta' attrici qed taghzel skond il-ligi li tirrifjuta dawn l-istess karti u sejra titlob il-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha sofferti; talbet li din il-Qorti:-

1. Illi l-karti specjali tal-kompjuter mixtrija mis-socjeta' attrici minghand is-socjeta' konvenuta u dawn ghal klienti tas-socjeta' attrici Brega, kienu karti mhux ta' kwalita' mwieghda u ma kienux ta' l-ispecifikazzjonijiet rikjesti ghall-uzu ta' dawn il-karti specjali tal-kompjuter bhala "three ply" u "four ply" computer paper u dan anke permezz ta' analizi u ezami ta' l-istess karti minn periti li jistghu jigu mahtura;
2. Illi in konsegwenza ta' dan tiddikjara li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;
3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet fuq moghtija u dan anke permezz ta' l-opera ta' periti li jistghu jigu mahtura;
4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici d-danni kollha hekk likwidati;
5. Tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex tirrifjuta l-konsenja ta' karti illi ghadhom magazzinati fl-imhazen tas-socjeta' attrici fil-Port Hieles ta' Malta;
6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tiehu lura l-karti li kienu gew mibjugha lis-socjeta' attrici u li jinsabu fl-imhazen tas-socjeta' attrici fil-Port Hieles ta' Malta.

Bl-imghax u bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma dan l-att ta' citazzjoni, kollox kontra tieghek li minn issa r-rappresentant tieghek huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fl-24 ta' Frar 2000 li permezz tagha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u gahndhom jigu michuda bl-ispejjes stante li, kontra dak allegat mis-socjeta' attrici, l-karti mibjugha mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici kienu tal-kwalita' pattwita u skond l-ispecifikazzjonijiet rikjesti mis-socjeta' attrici.
2. Illi konsegwentement is-socjeta' konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lis-socjeta' attrici kontra dak allegat mill-istess socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat il-kontro talba tas-socjeta konvenuta li permezz taghha wra li ppremettiet illi s-socjeta' attrici kienet ordnat u xtrat minghand is-socjeta konvenuta, karta ta' mizura partikolari ghall-klienti taghhom fil-Libja; illi qabel ma bieghet il-karta lis-socjeta' attrici, s-socjeta'onvenuta kienet ordnat, a spejjes taghha, kaxxa b'kampjuni tal-karta partikolari li riedet tordna is-socjeta' attrici, liema kampjuni gew approvati mis-socjeta' attrici qabel ma effettivament saret l-ordni mis-socjeta' konvenuta lill-fornitur taghha; illi xi xhur wara l-konsenja tal-karti lis-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta giet infurmata li l-klienti libjani tas-socjeta' attrici

kienu qed jallegaw li l-kampjuni tal-karta mibghuta ghandhom mis-socjeta’ attrici ma kienetx tal-kwalita’ pattwita u konsegwentement irrifjutaw l-istess konsenja ta’ karti; illi s-socjeta’ konvenuta kienet ikkonfermat li l-konsenja li kienet bieghet lis-socjeta’ attrici kienet ta’l-istess kwalita’ tal-kampjuni li kienu gew approvati mill-istess socjeta’ attrici; illi fit-3 ta’ Awissu 1999, is-socjeta’ attrici fethet kawza ghad-danni kontra s-socjeta’ konvenuta u konsegwentement mac-citazzjoni ppresentat il-mandati kawtelatorji u talbet u otteniet il-hrug tal-mandati kawtelatorji kontra s-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’sitt t’elef u hames mitt lira maltin (LM6,500) allegatament dovuti ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess mandat; illi fl-1 ta’ Settembru 1999, s-socjeta’ konvenuta ppresentat rikors quddiem din l-Qorti fejn talbet it-thassir tal-mandat kawtelatorju fuq irriferut u inoltre, “inter alia” talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas il-penali msemmija fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi b’digriet moghti minn din il-Qorti fis-26 ta’Ottubru 1999 il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta’ konvenuta u hassret il-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru numru 3575/99 fl-ismijiet “Office Technology Ltd vs J.M.Supplies Company Ltd” u ordnat li jinhareg il-kontro mandat relattiv stante li fil-fehma taghha fic-cirkostanzi ma kienx ragionevoli li l-istess jinhareg; illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, s-socjeta’ konvenuta soffriet pregudizzju kbir meta s-socjeta’ attrici naqset li tiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta’ l-att kawtelatorju, b’xi mod talbet lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas xi ammont u dan a tenur ta’ l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara li s-socjeta’ attrici hija responsabbli ghall-hlas ta’ penali, a favur tas-socjeta’ konvenuta a bazi ta’ l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tillikwida l-ammont tal-penali dovut mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta;
3. tikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas lis-socjeta’ konvenuta dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta’ konvenuta.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Marzu 2000 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza ghas-seduta tal-24 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghall-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi tali azzjoni rikonvenzjonali ma setghetx titressaq peress li ma jirrikorrux ir-rekwiziti legali li jippermettu lis-socjeta’ konvenuta li tipporcedi in via rikonvenzjonali a tenur ta’ l-artikolu 396 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi t-talbiet tas-socjeta’ rikonvenjenti ghal hlas tal-penali skond l-artikolu 836(8)(b) diga jifformaw mertu ta’ talba identika li saret mill-istess socjeta’ rikonvenjenti fir-rikors taghha ghall-hrug tal-kontro mandat fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 3575/99 u ghalhekk jikkonkorri f’dan il-kaz il-“lis alibi pendens” ai termini ta’ l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. S-socjeta’ rikonvenuta ma hix responsabbli li thallas penali lis-socjeta' r’konvenjenti stante li ma jikkonkorrux ir-rekwiziti ta’ l-artikolu 836(8)(b) tal-kap 12 stante li l-mandat de quo kellu jinhareg u inhareg b’mod legali u ma saret ebda hsara lis-socjeta’ rikonvenjenti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta’ rikonvenuta.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-12 ta’ Jannar 2001 meta s-socjeta’ konvenuta ddikjarat li ma kelliex provi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghall-kontro talba taghha. Fl-istess seduta s-socjeta’ attrici ddikjarat li l-ewwel eccezzjoni taghha hija ta’ natura legali filwaqt li ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni iddikjarat li taqbel li l-proceduri li hemm imsemmija kienu gew istitwiti u konjuzi kif jidher mid-digriet a fol 41 tal-process, u meta dak inhar il-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjoni tal-kontendenti dwar l-irritwalita’ tal-kontro talba u l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens.

Ittrattat l-kawza.

Ikkunsidrat:

Dawn il-proceduri jikkoncernaw danni sofferti mis-socjeta’ attrici minhabba allegata inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta’ konvenuta li qed tigi akkuzata li ma fornitx merkanzija mhux skond il-kwalita’ u li specifikazzjonijiet pattwiti. Din il-pretensjoni qed tigi

kontestata mis-socjeta’ konvenuta inkwantu qed jinghad li l-konsenja kienet skond kif miftiehem.

Mal-proceduri odjerni s-socjeta’ attrici talbet il-hrug ta’ mandati kawtelatorji ghas-somma ta’ sitt elef u hames mitt lira (LM6,500) rappresentanti danni kalkolati minnha u rizultanti mill-inadempjenza tas-socjeta’ konvenuta. Il-mandat ta’ sekwestru numru 3575/99 li gie ezegwit kontra s-socjeta’ konvenuta gie revokat b’digriet ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Ottubru 1999 a termini ta’ l-artikolu 836 tal-Kap 12 billi dik il-Qorti waslet ghal konkluzzjoni li fic-cirkostanzi “ma hux ragionevoli li jibqa’ fis-sehh”. Ir-raguni li waslet dik il-Qorti ghal tali decizjoni mhux relevanti ghal kaz odjern billi fi kwalunkwe kaz kien jezorbita mill-kompetenza taghha stante li ghamlet kummenti dwar il-mertu ta’ dawn il-proceduri.

Issa s-socjeta’ konvenuta pprevaliet ruhha mid-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 396 et seq tal-Kap 12 u flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet ipproponiet kontro talba.

F’din il-kontro talba filwaqt li saret referenza ghad-digriet fuq imsemmi li sab li s-socjeta’ attrici kienet naqset inkwantu ma ottemperatx ruhha mal-provvedimenti tas-subinciz (8) para (b) tal-artikolu 836, billi ma kienx hemm interpellazzjoni lis-socjeta’ konvenuta fi zmien hmistax il-jum qabel l-hrug tal-mandat, talbet li tigi likwidata l-penali dovuta minhabba dan in-nuqqas a termini tal-istess subinciz u kundanna tal-istess.

Is-socjeta' attrici qedha topponi din il-kontro talba billi fl-ewwel lok hija irritwali u sekondarjament inghatat l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens billi l-mertu tal-kontro talba jifforma l-oggett ta' proceduri ohra.
Ikkunsidrat:-

L-artikolu 396 tal-Kap 12 jipprovdi li kontro talba hija permessa (a) meta tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur; jew (b) meta li skop tal-kontro talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.

Fil-kaz sottoezami ma hemm ebda relazzjoni bejn t-talbiet attrici u kull provvedimenti li jista' jinghata a termini ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12. Huwa minnu li s-socjeta' konvenuta ghandha potenzjal ta' dritt ta' penali kontra s-socjeta' attrici izda dan d-dritt jista' jirrizulta minn mankanza procedurali da parti tal-istess socjeta' attrici u mhux relatat mal-kuntratt ta' bejgh ta' merkanzija mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Illi fid-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru 1999 il-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt li sabet li s-socjeta' attrici kienet naqset milli tottempera ruhha mal-provvedimenti tal-ligi u b'hekk passibbli ghad-danni, fil-parti dispositiva tal-istess digriet qalet hekk: "ghal issa ma tipprovdix dwar it-talba ghall-hlas ta' penali" b'dawn il-kliem dik il-Qorti rriservat favur taghha d-dritt li, fi stadju futur u wara li l-mertu jkun gie determinat finalment, tistabilixxi hija stess jekk u kemm ghandha tkun il-penali. B'hekk donnu r-rikors fuq imsemmi jinsab sine die pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri. Fic-cirkostanzi din il-Qorti mhux kompetenti li tiddecidi dwar mertu li jinsab quddiem qorti ohra. U certament qatt ma jista' jkun hemm kompensazzjoni li xxejjen l-azzjoni ta' l-attur billi

l-ammont se mai dovut jista' biss jigi determinat wara l-gheluq ta' dawn il-proceduri. Il-procedura adottata mis-socjeta' konvenuta ghalhekk mhux ammissibbli u ser tigi michuda.

Fic-cirkostanzi din l-Qorti thoss li ma hemmx ghalfejn tigi ezaminata l-eccezzjoni ta' lis alibi pendens.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddikjara rrita u nulla l-kontro talba tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjes kontra taghha.

Onor Imhallef Albert J. Magri